**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 29 ta' Settembru, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**-vs-**

**Hao Lin detentur tal-Passaport Ċiniż numru G30201606 u Karta tal-Identita' Taljan numru AS 7677362**

***Kumpilazzjoni Nru. 620/2018***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Hao Lin u cioe` talli:

1. Fit-28 ta' Settembru 2018 mal-wasla tiegħu minn Pozzallo bil-katamaran ***Jean De La Vallette***, ġewwa Sea Terminal f'Malta, mingħajr awtorita' legali importa, esporta, ittrasporta, xtara, irċieva, kiseb jew kellu taħt il-kustodja jew pussess tiegħu flus iffalsifikati li kien jaf li l-istess kienu iffalsifikati;

2. Fl-istess data, lokalita' u ċirkostanzi waqt li kien dieħel Malta, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tiegħu aktar minn għaxart elef ewro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrullur tad-Dwana.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex, jekk filwaqt tal-proċedimenti Kriminali, il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta, u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi buex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 188F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, aio termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat n-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-ammissjoni bikrija tieghu w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31 u 188C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien sentejn, kif ukoll tikkundannah ghall-multa ta' €7,557.50, ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tas-somma mhux dikjarata.

Ai termini tar-Regolament 3(5) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati u cioe` l-ammont ta' €20, 230 in eccess tal-€10,000 permissibbli skond l-istess Regolamenti.

Finalment ai termini tal-artikolu 188F tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jghaddi biex tikkonsenja dawk il-flus meqjusa foloz, u prezentati f'dawn l-atti bhala Dok. YF4, lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex jinflew minnu. Salv in-nuqqas t'oggezzjoni tal-Bank Centrali, dawn il-flus ghandhom ai termini tal-istess artikolu u tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, jigu konfiskati mir-Registratur ai temini tal-artikolu 670 tal-istess Kapitolu.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti u lil Bank Centrali ta' Malta.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**